# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

21 ta' Ottubru 2010 *

Fil-Kawża C-467/08,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Audiencia Provincial de Barcelona (Spanja), permezz ta' deċiżjoni tal-15 ta' Settembru 2008, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-31 ta' Ottubru 2008, fil-proċedura

**Padawan SL**

vs

**Sociedad General de Autores y Editores de España (SGAE),**

fil-preżenza ta':

**Entidad de Gestión de Derechos de los Productores Audiovisuales (EGEDA),**

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

**Asociación de Artistas Intérpretes o Ejecutantes — Sociedad de Gestión de España (AIE),**

**Asociación de Gestión de Derechos Intelectuales (AGEDI),**

**Centro Español de Derechos Reprográficos (CEDRO),**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn K. Lenaerts, President tal-Awla, D. Šváby, R. Silva de Lapuerta, E. Juhász u J. Malenovský (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: V. Trstenjak,
Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-4 ta' Marzu 2010,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Padawan SL, minn J. Jover Padró, E. Blanco Aymerich u A. González García, abogados,

— għas-Sociedad General de Autores y Editores (SGAE), minn P. Hernández Arroyo, J. Segovia Murúa, R. Allendesalazar Corchó u R. Vallina Hoset, abogados,

— għall-Entidad de Gestión de Derechos de los Productores Audiovisuales (EGEDA), minn J. A. Suárez Lozano u M. Benzal Medina, abogados,

— għall-Asociación de Artistas Intérpretes o Ejecutantes — Sociedad de Gestión de España (AIE), minn C. López Sánchez, abogado,

— għall-Asociación de Gestión de Derechos Intelectuales (AGEDI), minn R. Ros Fernández, procurador, assistit minn F. Márquez Martín, abogado,

— għas-Centro Español de Derechos Reprográficos (CEDRO), minn M. Malmierca Lorenzo u J. Díaz de Olarte, abogados,

— għall-Gvern Spanjol, minn J. López-Medel Bascones u N. Díaz Abad, bħala aġenti,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn M. Lumma u S. Unzeitig, bħala aġenti,

— għall-Gvern Elleniku, minn E.-M. Mamouna u V. Karra, bħala aġenti,

— għall-Gvern Franċiż, minn G. de Bergues u B. Beaupère-Manokha, bħala aġenti,

— għall-Gvern Portugiż, minn L. Inez Fernandes u N. Gonçalves, bħala aġenti,

— għall-Gvern Finlandiż, minn A. Guimaraes-Purokoski, bħala aġent,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn H. Walker, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn L. Lozano Palacios u H. Krämer, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2010,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "kumpens ġust", stabbilit fl-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230), imħallas lill-proprjetarji tad-drittjiet tal-awtur abbażi tal-"eċċezzjoni ta' kopja privata".

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn Padawan SL (iktar 'il quddiem "Padawan") u Sociedad General de Autores y Editores de España (iktar 'il quddiem "SGAE"), dwar is-"sistema ta' ħlas għal kopja privata" li hija dovuta minn Padawan minħabba CD-R, CD-RW, DVD-R kif ukoll apparat MP3 li tikkummerċjalizza.

**Il-kuntest ġuridiku**

*Id-Direttiva 2001/29*

3 Il-premessi 9, 10, 31, 32, 35, 38 u 39 tad-Direttiva 2001/29 huma fformulati kif ġej:

"(9) Kull armonizzazzjoni tad-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati għandha tkun bażata fuq livell għoli ta' protezzjoni, għar-raġuni li dawn id-drittijiet huma kruċjali għall-kreazzjoni intellettwali. Il-protezzjoni tagħhom tgħinhom jiżguraw it-tkomplija u l-iżvilupp tal-kreattivita fl-interessi ta' l-awturi, artisti, produtturi, konsumaturi, kultura, industrija u l-pubbliku in ġenerali. Proprjetà intellettwali ġiet għalhekk rikonoxxuta bħala parti integrali ta' proprjetà.

(10) Jekk awturi jew artisti għandhom ikomplu bix-xogħol kreattiv u artistiku tagħhom, huma għandhom jirċievu kumpens xieraq għall-użu tax-xogħol tagħhom, kif għandhom jirċievu produtturi sabiex ikunu jistgħu jiffinanzjaw xogħolhom. [...]

[...]

(31) Bilanċ ġust ta' drittijiet u interessi bejn il-kategoriji differenti ta' detenturi ta' drittijiet, kif ukoll bejn il-kategoriji differenti ta' detenturi ta' drittijiet u utentu ta' materjal protett għandhom ikunu salvagwardati. [...]

(32) Din id-Direttiva tipprovdi għal elenku eżawrjenti ta' eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet għad-dritt ta' riproduzzjoni u d-dritt ta' komunikazzjoni lill-pubbliku. Xi eċċezzjonijiet jew limitazzjonijiet japplikaw biss għad-dritt ta' riproduzzjoni, fejn hu xieraq. Dan l-elenku jikkunsidra kif inhu xieraq it-tradizzjonijiet legali differenti fl-Istati Membri, filwaqt li, fl-istess ħin, għandu bħala skop li jiżgura suq intern li jiffunzjona. L-Istati Membri għandhom jaslu għal applikazzjoni koerenti ta' dawn l-eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet, li ssir stima tagħhom meta jirrevedu l-leġislazzjoni implimentattiva fil-futur.

[...]

(35) F'ċerti każi ta' eċċezzjonijiet jew limitazzjonijiet, detenturi ta' drittijiet għandhom jirċievu kumpens ġust biex jikkumpensawhom b'mod adekwat għall-użu magħmul mix-xogħolijiet protetti tagħhom jew materjal ieħor. Meta jistabilixxu l-forma, l-arranġamenti dettaljati u livell possibbli ta' dan il-kumpens ġust, għandhom jiġu kkunsidrati ċirkustanzi partikolari ta' kull każ. Meta jevalwaw dawn iċ-ċirkustanzi, kriterju validu jista' jkun il-ħsara li tista' ssir lid-detenturi tad-drittijiet li tirriżulta mill-att fil-kwistjoni. Fil-każi fejn id-detenturi tad-drittijiet ikunu diġà rċevew pagament f'xi forma jew oħra, per eżempju bħala parti minn ħlas ta' liċenzja, l-ebda pagament speċifiku jew separat ma jkollu jitħallas. Il-livell ta' kumpens ġust għandu jikkunsidra bis-sħiħ il-grad ta' użu ta' miżuri ta' protezzjoni teknoloġika msemmija f'din id-Direttiva. F'ċerti sitwazzjonijiet fejn il-preġudizzju għad-detentur tad-drittijiet ikun minimu, ma jista' jkun hemm l-ebda obbligu għal ħlas.

[...]

(38) L-Istati Membri għandhom jitħallew jipprovdu għal eċċezzjoni jew limitazzjoni għad-dritt ta' riproduzzjoni għal ċerti tipi ta' riproduzzjoni ta' materjal awdjo, viżiv jew awdjo-viżiv għal użu privat, akkumpanjat b'kumpens ġust. Dan jista' jinkludi l-introduzzjoni jew kontinwazzjoni ta' skemi ta' rimunerazzjoni biex jikkumpensaw għal preġudizzju għal detenturi tad-drittijiet [...]

(39) Meta japplikaw l-eċċezzjoni jew limitazzjoni dwar ikkupjar privat, l-Istati Membri għandhom jagħtu kunsiderazzjoni xierqa lil żviluppi teknoloġiċi u ekonomiċi, b'mod partikolari dwar ikkupjar diġitali privat u skemi ta' rimunerazzjoni, meta miżuri ta' protezzjoni teknoloġika effettiva jkunu disponibbli. Dawn l-eċċezzjonijiet jew limitazzjonijiet m'għandhomx jimpedixxu l-użu ta' miżuri teknoloġiċi jew l-infurzar tagħhom kontra li jduru magħhom [kontra kull att ta' ksur]."

4 Skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/29:

"L-Istati Membri għandhom jipprovdu għad-dritt esklussiv li jawtorizza jew jipprojbixxi riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti b'kull mezz u f'kull forma, kollha jew parti

a) għall-awturi, tax-xogħolijiet tagħhom;

b) għall-artisti, ta' l-iffissar tal-wirjiet tagħhom;

ċ) għall-produtturi ta' fonogrammi, tal-fonogrammi tagħhom;

d) għall-produtturi ta' l-ewwel iffissar ta' films, rigward l-oriġinal u l-kopji tal-films tagħhom;

e) għall-organizzazzjonijiet tax-xandir, ta' l-iffissar tax-xandiriet tagħhom, sew jekk dawk ix-xandirijiet huma trasmessi bil-fili sew jekk bl-arja, magħduda bil-cable jew bis-satellita".

5 L-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29, intotolat "Eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet", jistabbilixxi:

"L-Istati Membri jistgħu jipprovdu l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet għad-dritt ta' riproduzzjoni provdut fl-Artikolu 2 fil-każi li ġejjin:

[...]

b) rigward riproduzzjonijiet ta' kull mezz magħmula minn ċittadin fiżiku għal użu privat u għal skopijiet li huma la direttament u l-anqas indirettament kummerċjali, bil-kondizzjoni li d-detenturi jirċievu kumpens ġust li jikkunsidra li jiġu jew ma jiġux applikati miżuri teknoloġiċi msemmija fl-Artikolu 6 tax-xogħol jew tas-suġġett relatat".

6 L-Artikolu 5(5) tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"L-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet li hemm provdut dwarhom fil-paragrafi 1, 2, 3 u 4 għandhom ikunu applikati biss f'ċerti każi speċjali li ma jmorrux kontra l-isfruttament normali tax-xogħol jew suġġett ieħor u ma jippreġudikawx b'mod bla raġuni l-interessi leġittimi tad-detentur tad-drittijiet".

7 L-Artikolu 6(3) u (4) tal-istess direttiva, intitolat "Obbligi rigward miżuri teknoloġiċi", jipprovdi:

"3. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, il-frażi 'miżuri teknoloġiċi' tfisser kull teknoloġija, tagħmir jew komponent li, matul il-kors normali tat-tħaddim tiegħu, ikun iddisinjat li jipprevjeni jew jirrestrinġi atti, rigward xogħolijiet jew suġġett ieħor, li ma humiex awtorizzati mid-detentur tad-drittijiet ta' kull dritt ta' l-awtur jew kull dritt relatat mad-drittijiet ta' l-awtur li hemm provdut dwarhom bil-liġi jew id-dritt sui generis li hemm provdut dwarhom fil-Kapitolu III tad-Direttiva 96/9/KE. Drittijiet teknoloġiċi għandhom jitqiesu 'effettivi' fejn l-użu ta' xogħol protett jew suġġett ieħor huwa kontrollat mid-detenturi tad-drittijiet permezz ta' applikazzjoni ta' kontroll għal aċċess jew proċess ta' protezzjoni, bħal qlib f'ċifrarju, taqlib jew trasformazzjoni oħra tax-xogħol jew materjal ta' xogħħol ieħħor jew mekkaniżmu ta' kontroll ta' ikkupjar li jilħaq l-għan ta' protezzjoni.

4. Minkejja l-protezzjoni legali li hemm provdut dwarha fil-paragrafu 1, fl-assenza ta' miżuri volontarji meħuda mid-detenturi tad-drittijiet, magħduda ftehim bejn id-detenturi tad-drittijiet u partijiet oħra relatati, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li detenturi tad-drittijiet jagħmlu disponibbli għall-benefiċjarju ta' eċċezzjoni jew limitazzjoni li hemm provdut dwarha fil-liġi nazzjonali skond l-Artikolu 5(2)(a), (2)(ċ), (2)(d), (2)(e), (3)(a), (3)(b) jew (3)(e) il-mezzi li jibbenefikaw minn dik l-eċċezzjoni jew limitazzjoni, sa fejn huwa meħtieġ

biex jibbenefikaw minn dik l-eċċezzjoni jew limitazzjoni u fejn dak il-benfċjarju jkollu aċċess legali għax-xogħol protett jew materjal suġġett relatat.

Stat Membru jista' wkoll jieħu dawn il-miżuri rigward benefiċjarju ta' eċċezzjoni jew limitazzjoni li hemm provdut dwaru skond l-Artikolu 5(2)(b), kemm-il darba riproduzzjoni għal użu privat ikun diġà sar possibbli mid-detenturi tad-drittijiet sa fejn hu meħtieġ biex jibbenefika mill-eċċezzjoni jew limitazzjoni relatata u skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5(2)(b) u (5), mingħajr ma jipprevjeni lid-detenturi tad-drittijiet milli jadottaw miżuri adekwati rigward l-għadd ta' riproduzzjonijiet skond dawn id-disposizzjonijiet.

[...]"

*Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

8 Il-leġiżlazzjoni applikabbli tinsab fid-Digriet Irjali leġiżlattiv 1/1996, tat-12 ta' April 1996, li japprova t-test kodifikat tal-liġi dwar il-proprjetà intellettwali (iktar 'il quddiem it-"TRLPI"). Dan id-Digriet Irjali leġiżlattiv ġie emendat, fil-kuntest tat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2001/29, permezz tal-liġi 23/2006, tas-7 ta' Lulju 2006, li temenda t-test ikkodifikat tal-liġi dwar il-proprjetà intellettwali approvat permezz tad-Digriet Irjali leġiżlattiv 1/1996 (BOE Nru 162, tat-8 ta' Lulju 2006, p. 25561).

9 L-Artikolu 17 tat-TRLPI, intitolat "Dritt esklużiv ta' użu u regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni" huwa fformulat kif ġej:

"L-awtur jeżerċita b'mod esklużiv id-drittijiet ta' użu tax-xogħlijiet tiegħu irrispettivament mill-forma tagħhom u, b'mod partikolari, id-drittijiet ta' riproduzzjoni [...], atti [ta' riproduzzjoni] li ma jistgħux jiġu eżerċitati mingħajr il-permess tiegħu ħlief fiċ-ċirkustanzi stipulati f'din il-Liġi".

10 Taħt it-titolu "Riproduzzjoni" l-Artikolu 18 tat-TRLPI jipprovdi:

"Riproduzzjoni tfisser l-ikkuppjar dirett jew indirett, provviżorju jew permanenti, fuq kwalunkwe mezz u taħt kwalunkwe forma, tax-xogħol kollu jew ta' parti minnu, sabiex jiġi kkomunikat jew sabiex isiru kopji".

11 Skont l-Artikolu 31(2) tat-TRPLI:

"Ir-riproduzzjoni, fuq mezz, ikun liema jkun, ta' xogħlijiet li jkunu diġà ġew iċċirkulati, mhijiex suġġetta għall-awtorizzazzjoni tal-awtur meta ssir minn persuna fiżika għall-użu privat tagħha meta ssir minn xogħlijiet li għandha aċċess għalihom legalment, kemm-il darba l-użu tal-kopja ma jkunx kollettiv jew għal profitt, mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 25 [...]".

12 L-Artikolu 25 tat-TRLPI, intitolat "Kumpens ġust għal kopja privata", jipprovdi fil-paragrafi (1), (2) u (4):

"1. Ir-riproduzzjoni li ssir esklużivament għal użu privat, permezz ta' tagħmir jew strumenti tekniċi mhux tipografiċi, ta' xogħlijiet iċċirkulati fil-forma ta' kotba jew pubblikazzjonijiet meqjusa mil-leġiżlazzjoni li huma ekwivalenti, kif ukoll fonogrammi, vidjogrammi u mezzi oħrajn awdjo, viżivi, jew awdjoviżivi, jagħtu lok għal kumpens ġust u uniku għal kull waħda mit-tliet modi ta' riproduzzjoni msemmija, favur il-persuni msemmija fil-paragrafu 4(b), sabiex jiġu kkumpensati d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali li ma jibqgħux jinġabru minħabba din ir-riproduzzjoni [...]

2. Dan il-kumpens huwa determinat għal kull mod ta' riproduzzjoni skont it-tagħmir, strumenti u mezzi materjali adatti sabiex jagħmlu l-imsemmija riproduzzjoni, li ġew prodotti fuq it-territorju Spanjol jew li nxtraw barra minn dan it-territorju sabiex jinbigħu jew jintużaw fuq dan l-istess territorju.

[...]

4. F'dak li jikkonċerna l-obbligu legali msemmi fil-paragrafu 1:

a) 'Debituri' tfisser il-produtturi stabbiliti fi Spanja, meta joperaw kemm bħala distributuri kummerċjali, kif ukoll il-persuni li jixtru, barra mit-territorju Spanjol, tagħmir, strumenti u mezzi materjali msemmija fil-paragrafu 2, għad-distribuzzjoni kummerċjali jew għall-użu tagħhom f'dan it-territorju.

Id-distributuri, bejjiegħa bl-ingrossa u bl-imnut, li jixtru suċċessivament l-imsemmi tagħmir, strumenti u mezzi materjali, għandhom iħallsu l-kumpens *insolidum* mad-debituri li jkunu pprovdew bil-materjal, ħlief jekk jipprovaw li jkunu effettivament ħallsu u mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 14, 15 u 20.

b) 'Kredituri' tfisser l-awturi tax-xogħlijiet użati pubblikament taħt kwalunkwe forma msemmija fil-paragrafu 1, flimkien, skont il-każ u l-mod ta' riproduzzjoni, mal-edituri, mal-produtturi tal-fonogrammi u tal-vidjogrammi u mal-artisti interpreti li l-eżekuzzjonijiet tagħhom ġew ikkuppjati fuq dawn il-fonogrammi u vidjogrammi".

13 L-Artikolu 25(6) tat-TRLPI jistabbilixxi l-proċedura ta' approvazzjoni tal-ammont tal-kumpens li għandu jħallas kull debitur f'dak li jikkonċerna l-apparat, it-tagħmir, u mezzi materjali ta' riproduzzjoni diġitali, proċedura li tinvolvi l-Ministeru tal-Kultura, il-Ministeru tal-Industrija, tat-Turiżmu u tal-Kummerċ, is-soċjetajiet ta' amministrazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, l-assoċjazzjonijiet tas-setturi li jirrappreżentaw il-maġġoranza tad-debituri, l-assoċjazzjoni Spanjola tal-konsumaturi kif ukoll il-Ministeru tal-Ekonomija u tal-Finanzi.

14 L-istess paragrafu 6 jipprovdi li "il-partijiet involuti fil-proċess ta' negozjati u, fi kwalunkwe każ, il-Ministeru tal-Kultura kif ukoll il-Ministeru tal-Industrija, tat-Turiżmu u tal-Kummerċ, għall-finijiet tal-adozzjoni tad-digriet interministerjali msemmi fid-dispożizzjoni preċedenti, għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni b'mod partikolari l-kriterji li ġejjin:

a) il-ħsara effettivament ikkawżata lid-detenturi tad-drittijiet permezz tar-riproduzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, fid-dawl tal-fatt li jekk il-ħsara kkawżata lid-debitur hija minima, ma jistax jingħata lok għal obbligu ta' ħlas;

b) il-grad sa fejn apparat, tagħmir u mezzi materjali jintużaw għall-iskop tar-riproduzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1;

ċ) il-kapaċità ta' ħażna ta' dan l-apparat, tagħmir u mezzi materjali;

d) il-kwalità tar-riproduzzjonijiet;

e) id-disponibbiltà, il-livell ta' applikazzjoni u l-effettività tal-miżuri teknoloġiċi msemmija fl-Artikolu 161;

f) it-tul tal-preżervazzjoni tar-riproduzzjonijiet;

g) il-proporzjonalità neċessarja, mill-perspettiva ekonomika, bejn l-ammont ta' kumpens applikabbli għall-apparat jew tagħmir differenti u l-prezz tal-bejgħ medju lill-konsumatur finali".

15 L-Artikolu 25 tat-TRLPI jinkludi l-paragrafu 12 iddedikat għall-persuni li għandhom l-obbligu ta' ħlas tal-kumpens, li huwa fformulat kif ġej:

"L-obbligu ta' ħlas tal-kumpens jirriżulta miċ-ċirkustanzi segwenti:

a) Fir-rigward tal-produtturi, meta joperaw bħala distributuri, u fir-rigward tal-persuni li jixtru apparat, tagħmir u mezzi materjali barra mit-territorju Spanjol

għad-distribuzzjoni kummerċjali tagħhom fuq dan it-territorju, fil-mument fejn it-trażmissjoni tal-proprjetà ssir mid-debitur jew, jekk ikun il-każ, fil-mument tat-trasferiment tal-użu ta' kwalunkwe mill-imsemmija apparat, tagħmir u mezzi materjali.

b) Fir-rigward tal-persuni li jixtru apparat, tagħmir u mezzi materjali barra mit-territorju Spanjol għall-użu tagħhom fuq dan it-territorju, fil-mument tax-xiri tagħhom."

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

16 SGAE hija waħda mis-soċjetajiet responsabbli għall-amministrazzjoni kollettiva taddrittijiet ta' proprjetà intellettwali fi Spanja.

17 Padawan tikkummerċjalizza CD-Rs, CD-RWs, DVD-Rs kif ukoll apparati MP3. SGAE talbet lil Padawan "il-ħlas għal kopja privata" msemmi fl-Artikolu 25 tat-TRLPI għas-snin 2002 sa 2004. Din tal-aħħar irrifjutat minħabba li l-applikazzjoni ta' din is-sistema ta' ħlas għal dawn il-mezzi diġitali, mingħajr distinzjoni u indipendentement mill-funzjoni li huma intiżi għaliha (użu privat jew attività professjonali jew kummerċjali oħra), hija kuntrarja għad-Direttiva 2001/29. Permezz ta' deċiżjoni tal-14 ta' Ġunju 2007, il-Juzgado de lo Mercantil Nru 4 ta' Barcelona laqgħet fit-totalità tagħha l-ilment ta' SGAE u Padwan ġiet ikkundannata għall-ħlas ta' somma ta' EUR 16 759.25 miżjuda bl-interessi legali.

18 Padawan appellat mill-imsemmija deċiżjoni quddiem il-qorti tar-rinviju.

19 Wara li semgħet il-partijiet u l-prosekuzzjoni dwar l-opportunità li titressaq domanda preliminari, l-Audiencia Provincial de Barcelona ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) Il-kunċett ta' 'kumpens ġust' previst fl-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29/KE jimplika jew le armonizzazzjoni, indipendentement mill-fakultà rrikonoxxuta lill-Istati Membri li jagħżlu s-sistemi ta' ġbir li jqisu xierqa sabiex jimplementaw id-dritt għal 'kumpens ġust' tad-detenturi tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali milquta mill-istabbiliment tal-eċċezzjoni ta' kopja privata għad-dritt ta' riproduzzjoni?

2) Indipendentement mis-sistema użata minn kull Stat Membru sabiex jistabbilixxi l-kumpens ġust, din is-sistema għandha tirrispetta bilanċ ġust bejn il-persuni kkonċernati, jiġifieri minn naħa, id-detenturi ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali milquta mill-eċċezzjoni ta' kopja privata, li huma kredituri ta' dan il-kumpens u, min-naħa l-oħra, il-persuni li huma direttament jew indirettament responsabbli sabiex iħallsu l-kumpens? U dan il-bilanċ għandu jiġi ddeterminat mill-ġustifikazzjoni għal kumpens ġust, li jikkonsisti fir-rimedju tad-dannu li jirriżulta mill-eċċezzjoni ta' kopja privata?

3) Jekk fil-każijiet fejn Stat Membru jagħżel sistema ta' tassazzjoni jew ħlas lill-awtur fir-rigward tat-tagħmir, apparat u mezzi ta' riproduzzjoni diġitali, *dan il-ħlas* (il-kumpens ġust għal kopja privata) *għandu jkun neċessarjament marbut*, skont l-għan imfittex taħt l-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29/KE u fil-kuntest ta' din id-dispożizzjoni, *mal-użu preżunt ta' dan it-tagħmir u mezzi sabiex isiru* riproduzzjonijiet li jibbenefikaw mill-eċċezzjoni ta' *kopja privata*, b'mod li l-applikazzjoni tal-ħlas tkun iġġustifikata meta preżumibbilment it-tagħmir,

apparat jew il-mezzi ta' riproduzzjoni diġitali jkunu intiżi sabiex isiru kopji privati, u ma jkunx hekk f'każ kuntrarju?

4) Fil-każ li Stat Membru jagħżel sistema ta' 'ħlas' għal kopji privati, l-applikazzjoni nondiskriminatorja tar-referenza 'ħlas' għal impriżi u professjonisti li b'mod ċar jixtru l-apparat u l-mezzi ta' riproduzzjoni diġitali għal għanijiet li ma humiex relatati ma' kopji privati hija konformi mal-kunċett ta' 'ħlas ġust'?

5) Is-sistema adottata mill-Istat Spanjol li tapplika l-ħlas għal kopji privati għal kull tagħmir, apparat u mezzi ta' riproduzzjoni diġitali mingħajr distinzjoni tista' tmur kontra d-Direttiva 2001/29/KE, peress li ma tibqax teżisti konnessjoni adegwata bejn il-kumpens ġust u l-limitazzjoni tad-dritt [ta' riproduzzjoni] għal kopja privata li tiġġustifikah, li tapplika b'mod sinjfikattiv għal każijiet differenti li fihom ma teżistix il-limitazzjoni ta' drittijiet li tiġġustifika l-kumpens ekonomiku?"

**Fuq id-domandi preliminari**

*Fuq l-ammissibbiltà*

20 Fl-ewwel lok, Centro Español de Derechos Reprográficos u l-Gvern Spanjol isostnu, essenzjalment, li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija irrelevanti għall-finijiet tas-

soluzzjoni tal-kawża prinċipali inkwantu d-Direttiva 2001/29 ma tapplikax *ratione temporis* għal dan il-każ. Fil-fatt, fil-fehma tagħhom, għal din il-kawża japplikaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali li kienu jeżistu qabel id-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet li jittrasponu din id-direttiva. Konsegwentement, l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "kumpens ġust" li jinsab fl-Artikolu 5(2)(b) tal-imsemmija direttiva ma huwiex neċessarju għas-soluzzjoni ta' din il-kawża.

21 F'dan ir-rigward, hemm lok li jitfakkar li, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati tal-Istati Membri kif previst fl-Artikolu 267 TFUE, huma biss il-qrati nazzjonali, li quddiemhom titressaq il-kawża u li huma responsabbli għad-deċiżjoni ġuridika li għandha tingħata, li għandhom jevalwaw, fid-dawl tal-partikolaritajiet ta' kull kawża, kemm il-bżonn għal deċiżjoni preliminari sabiex ikunu f'pożizzjoni li jagħtu s-sentenza tagħhom, kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li jagħmlu lill-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, peress li d-domandi magħmula jikkonċernaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja, bħala regola, għandha l-obbligu li tiddeċiedi (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra, C-379/98, Ġabra p. I-2099, punt 38; tat-22 ta' Mejju 2003, Korhonen *et*, C-18/01, Ġabra p. I-5321, punt 19, kif ukoll tat-23 ta' April 2009, VTB-VAB u Galatea, C-261/07 u C-299/07, Ġabra p. I-2949, punt 32).

22 Min-naħa l-oħra, mhijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiddeċiedi, fil-kuntest ta' rinviju preliminari, dwar l-intepretazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali u jekk il-mod kif tinterpretahom il-qorti tar-rinviju huwiex tajjeb. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tieħu inkunsiderazzjoni, fil-kuntest tat-tqassim tal-ġurisdizzjoni bejn il-qrati tal-Unjoni u dawk nazzjonali, il-kuntest fattwali u leġiżlattiv li taħtu jaqgħu id-domandi preliminari, hekk kif iddefinit mid-deċiżjoni tar-rinviju (sentenzi tad-29 ta' April 2004, Orfanopoulos u Oliveri, C-482/01 u C-493/01, Ġabra p. I-5257, punt 42; tal-4 ta' Diċembru 2008, Jobra, C-330/07, Ġabra p. I-9099, punt 17, kif ukoll tat-23 ta' April 2009, Angelidaki *et*, C-378/07 sa C-380/07, Ġabra p. I-3071, punt 48).

23 F'dak li jikkonċerna din it-talba għal deċiżjoni preliminari, għandu jiġi kkonstatat, minn naħa, li din hija dwar l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri l-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29, li jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja mitluba tiddeċiedi fil-kuntest ta' tali domanda u li, barra minn hekk, imkien ma huwa eskluż, fid-dawl tal-perijodu li abbażi tiegħu hija mitluba t-taxxa inkwistjoni fil-kawża prinċipali u tad-data ta' meta jiskadi t-terminu għat-traspożizzjoni stabbilit għat-22 ta' Diċembru 2002 permezz tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2001/29, li l-qorti tar-rinviju titwassal sabiex tislet il-konsegwenzi tal-interpretazzjoni li kienet talbet, b'mod partikolari abbażi tal-obbligu ta' interpretazzjoni tagħha skont id-dritt nazzjonali fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni (sentenza tat-13 ta' Novembru 1990, Marleasing, C-106/89, Ġabra p. I-4135, punt 8).

24 Min-naħa l-oħra, id-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli *ratione temporis* tikkostitwixxi interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali li għalhekk ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja mitluba tiddeċiedi fil-kuntest ta' talba għal deċiżjoni preliminari.

25 Minn dan isegwi li din l-ewwel eċċezzjoni ta' inammissibbiltà għandha tiġi miċħuda.

26 Fit-tieni lok, SGAE ssostni li d-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju huma inammissibbli inkwantu jikkonċernaw sitwazzjonijiet tad-dritt intern mhux armonizzati bid-Direttiva 2001/29. Fil-fatt, skont din, il-kwistjonijiet imqajma huma bbażati essenzjalment fuq aspetti li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri. Issa, skont SGAE, fil-kuntest ta' rinviju preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta u tapplika d-dritt nazzjonali.

27 Madankollu, hemm lok li jitfakkar li l-punt dwar jekk id-domandi magħmula mill-qorti nazzjonali jikkonċernawx suġġett estranju għad-dritt tal-Unjoni, peress li d-Direttiva 2001/29 tipprovdi biss għal armonizzazzjoni minima fil-qasam, jaqa' taħt il-mertu tad-domandi magħmula minn din il-qorti u mhux taħt l-ammissibbiltà

tagħhom (ara s-sentenza tal-11 ta' April 2000, Deliège, C-51/96 u C-191/97, Ġabra p. I-2549, punt 28). Għaldaqstant, l-oġġezzjoni mqajma minn SGAE, ibbażata fuq l-inapplikabbiltà ta' din id-direttiva għall-kawża prinċipali, ma tirrigwardax l-ammissibbiltà tal-kawża, iżda hija dwar il-mertu tal-imsemmija domandi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Lulju 2006, Manfredi *et*, C-295/04 sa C-298/04, Ġabra p. I-6619, punt 30).

28 Għalhekk, peress li din it-tieni eċċezzjoni ta' inammissibbiltà għandha tiġi miċħuda, mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li t-talba għal deċiżjoni preliminari għandha tiġi ddikjarata ammissibbli.

*Fuq il-mertu*

Fuq l-ewwel domanda

29 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-kunċett ta' "kumpens ġust", fis-sens tal-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29, jikkostitwixxix kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni, li għandu jiġi interpretat b'mod uniformi fl-Istati Membri kollha, indipendentement mill-fakultà rrikonoxxuta lil dawn tal-aħħar sabiex jiddeterminaw ir-regoli dettaljati dwar l-implementazzjoni tad-dritt għal dan il-kumpens.

30 Għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29, l-Istati Membri li jiddeċiedu li jistabbilixxu l-eċċezzjoni ta' kopja għal użu privat fid-dritt intern tagħhom għandhom jipprovdu għall-ħlas ta' "kumpens ġust" għall-benefiċċju tad-detenturi tad-drittijiet.

31 Qabel xejn għandu jiġi osservat li la l-imsemmi Artikolu 5(2)(b) u lanqas xi dispożizzjoni oħra tad-Direttiva 2001/29 ma jirrikjedu referenza għad-dritt nazzjonali tal-Istati Membri f'dak li jikkonċerna l-kunċett ta' "kumpens ġust".

32 F'tali ċirkustanza, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, mill-eżiġenzi kemm tal-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll mill-prinċipju ta' ugwaljanza jirriżulta li t-termini ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni Ewropea li ma tinkludi l-ebda riferenza espressa għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiġu ddeterminati s-sens u l-portata tagħha għandhom normalment, fl-Unjoni Ewropea kollha, jiġu interpretati b'mod awtonomu u uniformi fejn din l-interpretazzjoni tkun waħda studjata fid-dawl tal-kuntest tad-dispożizzjoni u tal-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-18 ta' Jannar 1984, Ekro, 327/82, Ġabra p. 107, punt 11; tad-19 ta' Settembru 2000, Linster, C-287/98, Ġabra p. I-6917, punt 43, u tat-2 ta' April 2009, A, C-523/07, Ġabra p. I-2805, punt 34).

33 Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li l-kunċett ta' "kumpens ġust", li jinsab f'dispożizzjoni li tagħmel parti minn direttiva li ma tagħmel ebda referenza għad-drittijiet nazzjonali, għandu jiġi kkunsidrat bħala kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni u għandu jiġi interpretat b'mod uniformi fuq it-territorju ta' dan tal-aħħar [ara b'analoġija, fir-rigward tal-kunċett ta'"kumpens ġust" li jinsab fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 92/100/KEE, tad-19 ta' Novembru 1992, dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet ta' l-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 120), sentenza tas-6 ta' Frar 2003, SENA, C-245/00, Ġabra p. I-1251, punt 24].

34 Din il-konklużjoni hija kkorraborata bl-għan segwit tal-leġiżlazzjoni li jagħmel parti minnha l-kunċett ta' kumpens ġust.

35 Fil-fatt, l-għan tad-Direttiva 2001/29, ibbażata b'mod partikolari fuq l-Artikolu 95 KE u li hija intiża sabiex tarmonizza ċerti aspetti tad-drittijiet tal-awtur u tad-drittijiet relatati f'soċjetà tal-informazzjoni kif ukoll li tipprojbixxi d-distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern li jirriżultaw mid-differenzi fil-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri (sentenza tat-12 ta' Settembru 2006, Laserdisken, C-479/04, Ġabra p. I-8089, punti 26, 31 sa 34), timplika l-iżvilupp ta' kunċetti awtonomi tad-dritt tal-Unjoni. Il-volontà tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jkun hemm interpretazzjoni kemm jista' jkun uniformi tad-Direttiva 2001/29 hija riflessa b'mod partikolari fil-premessa 32 tagħha, li tistieden lill-Istati Membri japplikaw l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet għad-dritt ta' riproduzzjoni b'mod koerenti, sabiex jiżguraw il-funzjonament xieraq tas-suq intern.

36 Għalhekk, minkejja li huwa possibbli għall-Istati Membri, skont l-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29, li jiddeċiedu, jekk iridu, li jintroduċu eċċezzjoni ta' kopja privata għad-dritt esklużiv ta' riproduzzjoni tal-awtur stabbilit mid-dritt tal-Unjoni, min juża din il-fakultà għandu jipprovdi għall-ħlas ta' kumpens ġust għall-benefiċċju tal-awturi leżi minħabba l-applikazzjoni ta' din l-eċċezzjoni. Issa, interpretazzjoni li tipprovdi li l-Istati Membri li jkunu introduċew tali eċċezzjoni identika, prevista mid-dritt tal-Unjoni u li tinkludi, skont il-premessi 35 u 38 ta' din id-direttiva, il-kunċett ta' "kumpens ġust" bħala element essenzjali, huma liberi li jippreċiżaw il-parametri tagħha b'mod inkoerenti u mhux armonizzat, suxxettibbli li jvarjaw minn Stat Membru għall-ieħor, huwa kuntrarju għall-għan tal-imsemmija direttiva kif imfakkar fil-punt preċedenti.

37 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-kunċett ta' "kumpens ġust", fis-sens tal-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29, huwa kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni, li għandu jiġi interpretat b'mod uniformi fl-Istati Membri kollha li introduċew eċċezzjoni ta' kopja privata, indipendentement mill-fakultà rikonoxxuta lilhom li jiddeterminaw, fil-limiti

imposti mid-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari mill-istess direttiva, il-forma, ir-regoli dettaljati tal-finanzjament u l-ġbir kif ukoll il-livell ta' dan il-kumpens ġust.

Fuq it-tieni domanda

38 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-"bilanċ ġust" li għandu jinstab bejn il-persuni kkonċernati jimplikax li l-kumpens ġust jiġi kkalkulat abbażi ta' kriterju ta' ħsara kkawżata lill-awturi wara l-introduzzjoni tal-eċċezzjoni ta' kopja privata. Hija tfittex ukoll li ssir taf liema huma, minbarra l-awturi leżi, il-persuni kkonċernati li bejniethom irid jinstab dan il-"bilanċ ġust".

39 Fl-ewwel lok, fir-rigward tar-rwol tal-kriterju tal-ħsara subita mill-awtur fil-kalkolu tal-kumpens ġust, mill-premessi 35 u 38 tad-Direttiva 2001/29 jirriżulta li dan il-kumpens ġust għandu l-għan li jħallas għad-danni lill-awturi b'"mod adekwat", għall-użu li sar mingħajr l-awtorizzazzjoni tagħhom tax-xogħlijiet protetti tagħhom. Sabiex jiġi ddeterminat il-livell ta' dan il-kumpens, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni, bħala "kriterju validu ", ta' "ħsara li tista' ssir" lill-awtur minħabba l-att ta' riproduzzjoni inkwistjoni, "preġudizzju" [...] minimu li jista' madankollu ma jagħtix lok għal obbligu ta' ħlas. L-eċċezzjoni ta' kopja privata għalhekk għandha tkun tista' tinkludi sistema "ta' rimunerazzjoni biex jikkumpensaw għal preġudizzju għal detenturi tad-drittijiet".

40 Minn dawn id-dispożizzjonijiet jirriżulta li l-kunċett u l-livell tal-kumpens ġust huma marbutin mal-ħsara li tirriżulta għall-awtur mir-riproduzzjoni tax-xogħol protett tiegħu li ssir mingħajr l-awtorizzazzjoni tiegħu għal użu privat. F'din il-perspettiva, il-kumpens ġust għandu jitqies bħala l-kontroparti tal-ħsara li jsofri l-awtur.

41 Barra minn hekk, it-terminu "jikkumpensawhom" li jinsab fil-premessi 35 u 38 tad-Direttiva 2001/29 jittraduċi l-volontà tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jistabbilixxi sistema partikolari ta' kumpens li l-implementazzjoni tagħha sseħħ permezz tal-eżistenza, b'detriment għad-detenturi tad-drittijiet, ta' ħsara, li tagħti lok, bħala regola, għall-obbligu li "jikkumpensawhom".

42 Minn dan isegwi li l-kumpens ġust għandu neċessarjament jiġi kkalkulat abbażi ta' kriterju ta' ħsara kkawżata lill-awturi tax-xogħlijiet protetti bl-introduzzjoni tal-eċċezzjoni ta' kopja privata.

43 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-persuni kkonċernati mill-"bilanċ ġust", il-premessa 31 tad-Direttiva 2001/29 tipprovdi sabiex jinżamm "bilanċ ġust" bejn id-drittijiet u l-interessi tal-awturi, benefiċjarji tal-kumpens ġust, minn naħa, u dawk tal-utenti ta' oġġetti protetti, min-naħa l-oħra.

44 Issa, il-ħolqien ta' kopja minn persuna fiżika li taġixxi b'mod privat għandu jiġi kkunsidrat bħala att ta' natura li joħloq ħsara lill-awtur tax-xogħol ikkonċernat.

45 Minn dan isegwi li l-persuna li tikkawża l-ħsara lid-detentur esklużiv tad-dritt ta' riproduzzjoni hija dik li tagħmel, għall-użu privat tagħha, tali riproduzzjoni ta' xogħol protett mingħajr ma titlob l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-imsemmi detentur. Għalhekk, bħala regola, hija din il-persuna li għandha tħallas għall-ħsara marbuta ma' din ir-riproduzzjoni, billi tiffinanzja l-kumpens li għandu jitħallas lil dan id-detentur.

46 Għaldaqstant, fid-dawl tad-diffikultajiet prattiċi sabiex jiġu identifikati l-utenti privati kif ukoll sabiex jiġu obbligati jikkumpensaw lid-detenturi tad-drittijiet għall-ħsara li joħolqulhom u fid-dawl tal-fatt li l-ħsara li tista' tirriżulta minn kull użu privat, ikkunsidrat individwalment, tista' tkun minima u, għaldaqstant, ma tagħtix lok għal obbligu ta' ħlas, kif tindika l-aħħar sentenza tal-premessa 35 tad-Direttiva 2001/29, huwa possibbli għall-Istati Membri li jistabbilixxu, għall-finijiet tal-finanzjament tal-kumpens ġust, "sistema ta' ħlas għal kopja privata" li għandhom iħallsuha mhux il-persuni privati kkonċernati, imma dawk li jkollhom apparat, tagħmir u mezzi ta' riproduzzjoni diġitali u li, għalhekk, fid-dritt jew fil-fatt, ipoġġu dan it-tagħmir għad-dispożizzjoni tal-persuni privati jew jagħtu lil dawn tal-aħħar servizz ta' riproduzzjoni. Fil-kuntest ta' tali sistema, huma l-persuni li għandhom dan l-apparat li għandhom jagħmlu l-ħlas għal kopja privata.

47 Ċertament, f'tali sistema, kuntrarjament għal dak li jidher li teħtieġ il-premessa 31 tad-Direttiva 2001/29, ma humiex l-utenti tal-oġġetti protetti li huma l-persuni responsabbli għall-ħlas tal-finanzjament tal-kumpens ġust.

48 Madankollu, għandu jiġi osservat li, minn naħa, l-attività tal-persuni responsabbli għall-ħlas ta' dan il-finanzjament, jiġifieri it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-utenti privati ta' apparat, tagħmir u mezzi ta' riproduzzjoni, jew is-servizz ta' riproduzzjoni li jagħtu, tikkostitwixxi l-premessa fattwali neċessarja sabiex il-persuni fiżiċi jkunu jistgħu jiksbu kopji privati. Min-naħa l-oħra, xejn ma jipprekludi lil dawn il-persuni responsabbli għall-ħlas milli jinkludu l-ammont tal-ħlas għal kopja privata fil-prezz ta' tqegħid għad-dispożizzjoni tal-imsemmi apparat, tagħmir u mezzi ta' riproduzzjoni jew fil-prezz tas-servizz ta' riproduzzjoni mogħti. Għalhekk, il-ħlas fil-fatt isir mill-utent privat li jħallas dan il-prezz. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-utent privat li għandu għad-dispożizzjoni tiegħu dan l-apparat, tagħmir u mezzi ta' riproduzzjoni diġitali jew li jgawdi minn servizz ta' riproduzzjoni, fil-verità, għandu jiġi kkunsidrat bħala l-"persuna indirettament responsabbli għall-ħlas" tal-kumpens ġust.

49 Konsegwentement, peress li l-imsemmija sistema tippermetti lill-persuni responsabbli għall-ħlas li jgħaddu l-ispiża tal-ħlas fuq l-utenti privati u li, għaldaqstant, dawn tal-aħħar jieħdu r-responsabbiltà tal-ħlas għal kopja privata, għandha tiġi kkunsidrata li hija konformi mal-"bilanċ ġust" li għandu jinstab bejn l-interessi tal-awturi u dawk tal-utenti tal-oġġetti protetti.

50 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-"bilanċ ġust" li għandu jkun hemm bejn il-persuni kkonċernati jimplika li l-kumpens ġust għandu neċessarjament jiġi kkalkulat abbażi tal-kriterju ta' ħsara kkawżata lill-awturi tax-xogħlijiet protetti wara l-introduzzjoni tal-eċċezzjoni ta' kopja privata. Huwa konformi mal-ħtiġijiet ta' dan il-"bilanċ ġust" li jiġi kkunsidrat li l-persuni li għandhom apparat, tagħmir kif ukoll mezzi ta' riproduzzjoni diġitali u li, abbażi ta' dan, fid-dritt jew fil-fatt, iqegħdu dan l-apparat għad-dispożizzjoni tal-utenti privati jew jagħtu lil dawn tal-aħħar servizz ta' riproduzzjoni huma l-persuni responsabbli għall-ħlas tal-finanzjament tal-kumpens ġust, inkwantu dawn il-persuni għandhom il-possibbiltà li jgħaddu l-ispiża reali ta' dan il-finanzjament fuq l-utenti privati.

Fuq it-tielet u r-raba' domandi

51 Permezz tat-tielet u r-raba' domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi essenzjalment, jekk, skont l-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29, teżistix rabta neċessarja bejn l-applikazzjoni tas-sistema ta' ħlas intiża sabiex tiffinanzja l-kumpens ġust fir-rigward tal-apparat, tat-tagħmir kif ukoll tal-mezzi ta' riproduzzjoni diġitali u l-preżunzjoni ta' użu ta' dawn tal-aħħar għall-finijiet ta' riproduzzjoni privata. Hija tistaqsi wkoll jekk l-applikazzjoni mingħajr distinzjoni tas-sistema ta' ħlas għal kopja privata, b'mod partikolari fir-rigward tal-imsemmi apparat, tagħmir u mezzi ta' riproduzzjoni diġitali manifestament riżervati

għal użu differenti mill-ħolqien ta' kopji għal użu privat, hijiex konformi mad-Direttiva 2001/29.

52 Qabel kollox, għandu jiġi kkonstatat li sistema ta' finanzjament tal-kumpens ġust hekk kif esposta fil-punti 46 u 48 ta' din is-sentenza hija kompatibbli mal-ħtiġijiet ta' "kumpens ġust" biss jekk l-apparat, it-tagħmir u l-mezzi ta' riproduzzjoni inkwistjoni huma tali li jintużaw għal finijiet ta' kopja privata u, għaldaqstant, li jikkawżaw ħsara lill-awtur tax-xogħol protett. Għalhekk, fir-rigward ta' dawn l-eżiġenzi, teżisti rabta neċessarja bejn l-applikazzjoni tas-sistema ta' ħlas għal kopja privata fir-rigward tal-imsemmi apparat, tagħmir u mezzi ta' riproduzzjoni diġitali u l-użu ta' dawn tal-aħħar għal finijiet ta' riproduzzjoni privata.

53 Konsegwentement, l-applikazzjoni mingħajr distinzjoni tas-sistema ta' ħlas għal kopja privata fir-rigward ta' kull tip ta' apparat, tagħmir u mezzi ta' riproduzzjoni diġitali, inkluż fl-ipoteżi, espliċitament evokata mill-qorti tar-rinviju, fejn dawn ikunu nxtraw minn persuni li ma humiex persuni fiżiċi, għal finijiet manifestament differenti minn dawk ta' kopja privata, ma hijiex konformi mal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2001/29.

54 Min-naħa l-oħra, peress li l-apparat inkwistjoni tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-persuni fiżiċi għal finijiet privati, ma huwiex neċessarju li jiġi stabbilit li dawn effettivament għamlu kopji privati għall-għajnuna ta' dawn tal-aħħar u għalhekk ikkawżaw effettivament ħsara lill-awtur tax-xogħol protett.

55 Fil-fatt, hemm preżunzjoni leġittima li dawn il-persuni fiżiċi jibbenefikaw integralment minn dan it-tqegħid għad-dispożizzjoni, jiġifieri li huma jistgħu jisfruttaw il-funzjonijiet kollha assoċjati mal-imsemmi apparat, inkluża l-funzjoni ta' riproduzzjoni.

56 Minn dan isegwi li s-sempliċi kapaċità ta' dan l-apparat jew ta' dan it-tagħmir li jagħmel kopji huwa biżżejjed sabiex jiġġustifika l-applikazzjoni tas-sistema ta' ħlas għal kopja privata, bil-kundizzjoni li l-imsemmija apparat jew tagħmir ikun tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-persuni fiżiċi bħala utenti privati.

57 Tali interpretazzjoni hija kkorroborata mill-formulazzjoni tal-premessa 35 tad-Direttiva 2001/29. Fil-fatt, dan isemmi bħala kriterju utli għad-determinazzjoni tal-livell tal-kumpens ġust, mhux biss il-"ħsara" bħala tali, imma l-ħsara "potenzjali". In-natura "potenzjali" tal-ħsara kkawżata lill-awtur tax-xogħol protett tinsab fit-twettieq tal-kundizzjoni neċessarja preliminari li tikkonsisti fit-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' persuna fiżika ta' apparat jew tagħmir li jippermetti li jsiru kopji, mingħajr ma huwa neċessarju li effettivament isiru kopji privati.

58 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, mill-perspettiva tad-drittijiet tal-awtur, hemm lok li tittieħed inkunsiderazzjoni s-sempliċi possibbiltà għall-utenti finali, f'dan il-każ il-klijenti ta' lukanda, li jaraw ix-xogħlijiet mxandra permezz ta' apparat ta' televiżjoni u ta' sinjal televiżiv imqiegħed għad-dispożizzjoni tagħhom mill-imsemmija lukanda, u mhux l-aċċess effettiv tal-imsemmija klijenti għal dawn ix-xogħlijiet (sentenza tas-7 ta' Diċembru 2006, SGAE, C-306/05, Ġabra p. I-11519, punti 43 u 44).

59 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għat-tielet u r-raba' domandi għandha tkun li l-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29 għandu jiġi interpretat fis-sens li hemm bżonn rabta bejn l-applikazzjoni tas-sistema ta' ħlas intiża sabiex tiffinanzja l-kumpens ġust fir-rigward ta' apparat, tagħmir kif ukoll mezzi ta' riproduzzjoni diġitali u l-preżunzjoni ta' użu ta' dawn tal-aħħar għal finijiet ta' riproduzzjoni privata. Konsegwentement, l-applikazzjoni mingħajr distinzjoni tas-sistema ta' ħlas għal kopja privata, b'mod partikolari fir-rigward ta' apparat, tagħmir kif ukoll mezzi ta' riproduzzjoni diġitali li ma tqegħdux għad-dispożizzjoni ta' utenti

privati u huma manifestament riżervati għal użu differenti mill-ħolqien ta' kopji għal użu privat, ma hijiex konformi mad-Direttiva 2001/29.

Fuq il-ħames domanda

60 Permezz tal-ħames domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk is-sistema adottata mir-Renju ta' Spanja, li tikkonsisti fl-applikazzjoni mingħajr distinzjoni tas-sistema ta' ħlas għal kopja privata għat-tipi kollha ta' apparat, tagħmir u mezzi ta' riproduzzjoni diġitali, ikun xi jkun l-użu li jsir minn dan l-apparat, tagħmir u mezzi hijiex konformi mad-Direttiva 2001/29.

61 F'dan ir-rigward, hija ġurisprudenza stabbilita li, barra mir-rikors għall-konstatazzjoni ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, mhijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà ta' dispożizzjoni nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni. Din hija ġurisdizzjoni tal-qrati nazzjonali, wara li, jekk ikun il-każ, ikunu kisbu mingħand il-Qorti tal-Ġustizzja, permezz ta' rinviju preliminari, il-preċiżazzjonijiet neċessarji dwar il-portata u l-interpretazzjoni ta' dan id-dritt (ara s-sentenza tat-22 ta' Marzu1990, Triveneta Zuccheri *et* vs Il-Kummissjoni, C-347/87, Ġabra p. I-1083, punt 16).

62 Għalhekk, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa, fid-dawl tar-risposti mogħtija għall-ewwel erba' domandi preliminari, il-kompatibbiltà tas-sistema Spanjola ta' ħlas għal kopja privata mad-Direttiva 2001/29.

63 Għaldaqstant ma hemmx lok għall-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi din il-ħames domanda.

**Fuq l-ispejjeż**

64 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**1) Il-kunċett ta' "kumpens ġust" fis-sens tal-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni, huwa kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni, li għandu jiġi interpretat b'mod uniformi fl-Istati Membri kollha li introduċew eċċezzjoni ta' kopja privata, indipendentement mill-fakultà rikonoxxuta lilhom li jiddeterminaw, fil-limiti imposti mid-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari mill-istess direttiva, il-forma, ir-regoli dettaljati tal-finanzjament u l-ġbir kif ukoll il-livell ta' dan il-kumpens ġust.**

**2) L-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-"bilanċ ġust" li għandu jkun hemm bejn il-persuni kkonċernati jimplika li l-kumpens ġust għandu neċessarjament jiġi kkalkulat abbażi tal-kriterju ta' ħsara kkawżata lill-awturi tax-xogħlijiet protetti wara l-introduzzjoni tal-eċċezzjoni ta' kopja privata. Huwa konformi mal-ħtiġijiet ta' dan il-"bilanċ ġust" li jiġi kkunsidrat li l-persuni li għandhom apparat, tagħmir u mezzi ta' riproduzzjoni diġitali u li, abbażi ta' dan, fid-dritt jew fil-fatt, iqegħdu dan l-apparat għad-dispożizzjoni tal-utenti privati jew jagħtu lil dawn tal-aħħar servizz ta' riproduzzjoni huma l-persuni responsabbli għall-ħlas tal-finanzjament tal-kumpens ġust, inkwantu dawn il-persuni għandhom**

**il-possibbiltà li jgħaddu l-ispiża reali ta' dan il-finanzjament fuq l-utenti privati.**

3) **L-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li hemm bżonn rabta bejn l-applikazzjoni tas-sistema ta' ħlas intiża sabiex tiffinanzja l-kumpens ġust fir-rigward ta' apparat, tagħmir kif ukoll mezzi ta' riproduzzjoni diġitali u l-preżunzjoni ta' użu ta' dawn tal-aħħar għal finijiet ta' riproduzzjoni privata. Konsegwentement, l-applikazzjoni mingħajr distinzjoni tas-sistema ta' ħlas għal kopja privata, b'mod partikolari fir-rigward ta' apparat, tagħmir u mezzi ta' riproduzzjoni diġitali li ma tqegħdux għad-dispożizzjoni ta' utenti privati u huma manifestament riżervati għal użu differenti mill-ħolqien ta' kopji għal użu privat, mhijiex konformi mad-Direttiva 2001/29.**

Firem